MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Numru 816/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**JOSEPH CAMILLERI**

**Illum, 16 ta' Novembru, 2004.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Joseph Camilleri 56 sena bin Carmelo u Catherine nee` Farrugia mwieled fiz-Zejtun fit-23 ta' Mejju 1948 u li joqghod fil-fond bl-isem 'Ascot Flats' Block B Flat 3, Triq B'Bugia, B'Bugia. Detentur tal-karta tal-Identita` bin-numru 533848 (m), gie akkuzat:-

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' Lulju 2003 u fix-xhur ta' wara din id-data, xjentement laqa` ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom. Liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. CM8 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri ddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u fil-fatt assista lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet li bihom gew solvuti kazijiet ohra.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 334 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Camilleri, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li l-imputat Joseph Camilleri ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri ddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u fil-fatt assista lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet li bihom gew solvuti kazijiet ohra, tillibera lill-istess imputat Joseph Camilleri taht il-Provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligjiet ta'

Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) mill-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------